**PRIMARY SCHOOLS ANNUAL EXAMINATIONS 2001**
Educational Assessment Unit - Education Division

| **Is-6 Sena** | **RELIĠJON** | **Ħin: Siegħa** |
|---|---|---|

Isem: ______________________________ Klassi: ______________

## A. Agħmel sinjal taħt it-tajba:

1. Nhar ta' (Sibt, Tlieta, Ġimgħa, Ħadd) hu Jum il-Mulej.
2. Fiż-żmien ta' matul is-sena nfakkru (t-twelid, il-ġrajjiet il-kbar, il-mewt, il-qawmien) ta' Ġesù.
3. L-Avvent huwa żmien ta' qabel (l-Għid, il-Milied, ix-xitwa, ir-Randan).
4. Ġesù mhuwiex biss bniedem, imma huwa wkoll (spirtu, Alla, tempju, anġlu).
5. Minflok San Pietru illum għandna lill- (Papa, President, Patrijiet, Pasturi).
6. Quddiem Alla id-dinja qisha (nida, traba, ġebla, żerriegħa) fil-miżien.
7. Aħna nidħlu fil-familja ta' Alla permezz tal- (griżma ta' l-Isqof, qrar, l-ewwel tqarbina, magħmudija).
8. Fil- (quddiesa, festa tar-raħal, purċissjoni, katekiżmu) Ġesù jagħti l-akbar qima lil Alla.
9. Niċċelebraw l-festa tat-tlugħ is-sema tal-Madonna nhar (il-Kunċizzjoni, il-Bambina, il-Vitorja, Santa Marija).
10. Dawk li jxandru l-evanġelju barra minn pajjiżhom jissejħu (emigranti, katekisti, missjunarji, evanġelisti). (10 marki)

## B. Imla l-vojt b'dawn il-kelmiet:

t-twelid tal-Knisja f'Malta; San Ġwann il-Battista; nitgħallmu aktar dwaru;
lill-poplu Lhudi; xbieha tiegħu; tal-Glorja; tas-Sliema u Qaddisa;
żmien il-Għid; żmien ir-Randan; nħobbu aktar lil xulxin.

1. Nhar l-10 ta' Frar infakkru __________________________ .
2. Alla għamilna nixbħuh meta ħalaqna __________________________ .
3. Fit-testment il-qadim Alla għażel __________________________ biex jurihom min hu tassew.
4. Fi __________________________ inħejju ruħna b'aktar talb, indiema u mħabba lejn l-oħrajn.
5. Fi __________________________ waqt il-quddiesa l-qassis jilbes il-kulur abjad.
6. Ġesù jiġi f'moħħna meta __________________________ u jiġi f'qalbna meta __________________________ .
7. Fit-talba __________________________ nagħtu ġieħ lill-Madonna u fit-talba __________________________ nsellmu lit-Trinità Qaddisa.
8. __________________________ kien qal lin-nies biex jindmu minn dnubiethom.

(10 marki)

## Ċ. Irranġa l-ittri mħawdin u kompli s-sentenza.

1. Ġesù huwa l-uniku pont jew _______________ (lelsmu) li jgħaqqadna m'Alla.
2. Il-_______________ (lqħoien) kollu hu mistieden biex ifaħħar lil Alla.
3. Ġesù għażel lill-_______________ (postapil) biex imexxu l-knisja tiegħu u bħala kap tagħhom għażel lil _____ __________ (nas rietpu).
4. Il-kelma _______________ (vavtne) bil-Malti tfisser miġja.
5. L-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-Appostli nhar il-_______________ (keptoesnet).
6. Il-Knisja hija _______________ (tokatkial) għax hi mxerrda mad-dinja kollha.
7. Meta l-__________ (għlifa) gidmet lil San Pawl, il-Maltin ħasbuh xi _______________ (tlqaiet).
8. L-_______________ (pefnaiaji) hija l-festa tat-tliet Slaten Maġi. (10 marki)

## D. Għid fejn:

1. insibu l-Kelma t'Alla _________________________ .
2. twieled Ġesù _________________________ .
3. il-Lhud kienu jiltaqgħu kull nhar ta' Sibt _________________________ .
4. dam tliet xhur San Pawl _________________________ .
5. kien jgħammed Ġwanni l-Battista _________________________ . (5 marki)

## E. Għid liema kmandament tkun qed tikser meta:

1. ma tmurx quddies nhar ta' Ħadd- _________________________
2. taqbad u tieħu affarijiet li mhumiex tiegħek- _________________________
3. ma tgħidx il-verità- _________________________
4. ma tirrispettax il-ġenituri- _________________________
5. tidgħi- _________________________ (10 marki)

## F. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fi kliemek.

1. Liema huma l-ħames taqsimiet tas-sena Liturġika (s-sena tal-Knisja)?

_____________________________________________

_____________________________________________

_____________________________________________

_____________________________________________

_____________________________________________ (5 marki)

2. Semmi t-tliet miġjiet li nfakkru fi żmien l-Avvent.

_____________________________________________

_____________________________________________

_____________________________________________ (3 marki)

3. Spjega xi tfisser meta ngħidu li l-Knisja hi:

i) waħda ____________________
ii) qaddisa ____________________
iii) Kattolika ____________________
iv) Appostolika ____________________

(4 marki)

4. Semmi tliet affarijiet li jintużaw fiċ-ċerimonja tal-magħmudija.

____________________

____________________

____________________ (3 marki)

## Ġ. Imla l-vojt bi kliem xieraq

Waqt li Pawlu kien fuq il-ġifen fi triqtu lejn ____________________, qamet ____________________ li damet sejra għal ____________________-il jum.

Jum minnhom ma kinux jafu fejn sejrin u l-ġifen ħabat ma' ____________________ u beda jitkisser bil-mewġ qawwi li beda jħabbat.

Pawlu ordna li kull wieħed kellu ____________________ sax-xatt. Kif waslu fuq l-art saru jafu li l-gżira kien jisimha ____________________ . In-nies tal-gżira laqgħuhom tajjeb u qabdulhom ____________________ biex jisħnu. F'daqqa waħda miz-zkuk ħarġet ____________________ li qabdet ma' id ____________________ u gidmitu. Il-Maltin ħasbu li Pawlu kien xi ____________________, iżda Pawlu farfar idu mil-lifgħa u wara li raw li ma kien ġralu xejn ħasbu li kien xi ____________________ . San Pawl dam Malta ____________________ xhur u għallem lil Maltin dwar ____________________ . San Pawl ried li qabel ma jitlaq iħalli lil xi ħadd biex jieħu ħsieb il-familja t'Alla f'Malta. Huwa għażel lil ____________________ u għamlu l-ewwel ____________________ tal-knisja f'Malta.

(15-il marka)

## G. Aqra din is-silta u wieġeb:

Qabel ma tela' s-sema Ġesù wiegħed lill-appostli li kien se jibgħatilhom l-Ispirtu s-Santu.

Kien il-Ħadd, il-festa tal-Pentekoste, meta l-Appostli kienu miġburin flimkien ma' Marija. Dak in-nhar ġrat ħaġa ta' l-għaġeb.

F'daqqa waħda nefaħ fuqhom riħ qawwi li mela d-dar b'ħoss kbir. Imbagħad ilsna tan-nar infirxu fuq kull wieħed u waħda minnhom; u mtlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu u bdew jitkellmu b'ilsna oħra.

1. Agħti isem ieħor għall-festa ta' Pentekoste: ____________________ (marka)
2. F'liema żmien tas-sena liturġika niċċelebraw il-festa ta' Pentekoste:

   ____________________ (marka)
3. Semmi talba li fiha jissemma l-Ispirtu s-Santu: ____________________ (2 marki)
4. Semmi żewġ sagramenti li fihom niżel fuqna l-Ispirtu s-Santu.

   ____________________ u ____________________ (2 marki)
5. F'Pentekoste l-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-Appostli f'forma ta' ____________________ filwaqt li fil-Magħmudija ta' Ġesù ħa l-forma ta' ____________________ . (2 marki)
6. Min kien hemm ma' l-Appostli meta niżel fuqhom l-Ispirtu s-Santu?

   ____________________ (marka)
7. Fil-Magħmudija aħna nsiru _______________ ta' l-Ispirtu s-Santu. (marka)

**GĦ. Ikteb ħames sentenzi dwar WIEĦED minn dawn:**

a) Kif nagħtu ġieħ lill-Madonna u l-Qaddisin?

b) Il-ħolqien ifakkarna fil-Kobor ta' Alla.

ċ) Ġesù: it-Tieni Persuna tat-Trinità. (15-il marka)

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________